**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 23 ta' Mejju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**-vs-**

**Paul Zahra, detentur tal-karta tal-identita` numru 80453M**

***Kumpilazzjoni Nru. 372/14***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Paul Zahra u ċioè talli:

Fit-28 t'April, 2013, u fil-jiem ta' qabel gewwa Raba Nemel L/O Rabat-

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor konsistenti fit-twaqqieh ta' hitan u kamra ai danni ta' John Zahra, Carmelo sive Charles Zahra u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorriex l-€1,164.69 imma hija izjed minn €116.47;

2. Bi ksur tal-artikolu 251 u 251A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, fit-28 t'April, 2013, gewwa Raba Nemel L/O Rabat, uza vjolenza kontra u ta fastidju lil John u Carmelo sive Charles Zahra.

   Il-Qorti giet mitluba tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 377(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll il-provvediment tal-artikolu 85(2) tal-Kapitolu 9.

   Il-Qorti giet mitluba tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 383 u 412C tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-kwerelant.

> Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-hati sabiex jaghmel tajjeb ghall-hlas tal-ispejjez kollha tal-esperti li jkunu gew mahtura u dan ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tal-21 ta' Dicembru, 2016,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f' April, 2013, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fit-18 ta' Frar, 2016.

Illi l-akkuzi huma dawk ravvizati bl-artikoli 325 tal-Kodici Kriminali u cioe` hsara volontarja kif ukoll dawk ta' fastidju u vjolenza kontra l-privat.

Illi **John Zahra**, l-kwerelant xehed kif fit-28 t' April, 2013, kien fil-garaxx tieghu, li jinsab magenb il-garaxx ta' huh. Il-garaxx tieghu hu sitwat magenb id-dar tieghu. Kif kien gol-garaxx sema hymac diehla fil-parti li kellha ommu u l-imputat beda iwaqqa' il-kamra (l-imputat issejjhila 'barrakka'). Huh Charles staqsa lill-imputat ghaliex kien qed iwaqqa' il-kamra u l-imputat ***"Qallu ghax dan il-gebel tieghi****. U pprova jwaqqfu* ***baqa' sejjer waqqa' l-kamra minn tieghi****. U dawn ilhom mibnijin iktar minn tletin sena hemm."* Muri ritratt[2] jikkonferma li l-barrakka li twaqqghet kienet fuq art ta' ommu u biswit il-barrakka kien hemm zewg strutturi li jappartjenu lilu.[3] Jikkonferma li l-art fuq liema kien hemm il-barrakka*"Iva dik t'ommi dik il-propjeta`"* u li l-hsara kawzata fuq l-istrutturi tieghu tammonta ghal madwar mitt lira Maltin (€232).

Illi **Joseph Azzopardi** xehed li x'hin hu kien *"gol-garaxx ta' Johnny Zahra ....smajna gaffa tahdem. ... F'daqqa u l-hin smajt gaffa tahdem u smajthom jillatikaw, u hrigt barra u smajthom jillatikaw bil-kliem, jien Pawlu habib tieghi. Mort fejn Pawlu, tlajtlu fuq il-gaffa, ghidtlu Pawl ghalfejn qed tiggieled?* ***Qalli ghax ghandi dawn il-gebel il-kantuni tieghi....*** *sibt lil Pawlu Zahra fuq il-gaffa jiena qed inehhi xi gebel tal-kantun... sakemm hrigt mill-garaxx rajt kantuni ma' l-art jigifieri."* Jispjega li meta staqsa lill-imputat ghaliex waqqa' il-kmamar li qabel kienu jintuzaw mill-genituri tal-imputat (u tal-kwerelant)

---

[1] Fol.102
[2] Fol.37
[3] Fol.66-67

l-imputat rrispondieh **"Qalli ghax ghandi l-kantuni tieghi u ghandi bzonn il-kantuni."** Wara rah jigbor il-gebel.[4]

Illi l-imputat **Paul Zahra** ghazel li jixhed u dan spjega li hu kien bena l-barrakka in kwistjoni wara li ha permess minghand il-genituri tieghu. Kien iddecieda li jzaramaha ghaliex is-saqaf kien tal-pjanci li kienu ssaddu u saru ta' periklu. Ha il-permess t'ommu peress li kienet mibnija fuq art tal-genituri tieghu u gie deciz li din titnehha.[5] L-imputat jghid li hu biss kien jaghmel uzu minn din il-barrakka.[6] L-imputat esebixxa pjanta fejn indika l-propjeta` ta' huh u l-barrakka li waqqa'. Ma jsemmi xejn dwar il-fatt li hu waqqa' anke xi parti mill-istruttura ta' huh li hi sitwata hajt ma hajt mal-barrakka.

Illi rigward tal-akkuza ta' hsara volontarja ma giex pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li l-hsara li soffra l-kwerelant, wara li twaqqat parti mil-binja tieghu hekk kif l-imputat beda jwaqqa' l-barrakka, saret deliberatament. Minn imkien ma rrizulta li l-imputat kellhu l-intenzjoni jaghmel hsara fuq il-fond tal-kwerelant. Fil-fatt anke l-kwerelant jghid li sema' lill-imputat jghid lil huhom Charlie li l-gebel riedu ghax kellhu bzonnu u dan jikkonfermah anke Azzopardi ghax lilu qallu l-istess.

Ghalhekk fl-aghar ipotesi l-imputat jista' jinstab hati biss dwar hsara involontarja kif previst l-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:

"Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jeħel, meta jinsab hati ..."

Illi l-prosekuzzjoni u l-parti civile ghalhekk kien jinhtigielhom jippruvaw illi l-imputat wera nuqqas ta' hsieb, kien traskurat jew wera' nuqqas ta' hila fl-arti jew il-professjoni tieghu. Tali prova lanqas ma ngabet. Ghalhekk l-imputat qed jigi liberat mill-ewwel imputazzjoni.

Illi Zahra gie akkuzat ukoll b'dak li jidher hu r-reat ta' vjolenza kontra l-privat ravvizat bl-artikolu 251 tal-Kodici Kriminali. Sabiex jissussisti dan ir-reat jinhtieg li l-vjolenza tintuza bhala forma ta' theddida kontra persuna sabiex iggieghel lil dik il-persuna taghmel xi haga, jew ihalli li isir xi haga, jew sabiex igieghlu jonqos milli jaghmel xi haga.

Illi ma ngiebet ebda prova li kien hemm xi theddid f'dan is-sens u wisq anqas ma giet uzata xi forma ta' vjolenza fuq l-parte leza u ghalhekk il-Qorti hija perplessa dwar kif qatt setghet tiffigura din l-imputazzjoni fl-agir tal-imputat.

[4] Fol.95
[5] Fol.106
[6] Ibid

Illi dwar ir-reat ravvizat bl-artikolu 251A tal-Kodici Kriminali ssir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada:**[7]

"Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "*a course of conduct*" u mhux incident wiehed u izolat. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Demanuele** deciza fis-26 ta' Novembru 2009 il-Qorti stqarret:

"L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)(c) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b'reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251 C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("*alarming")* jew idejjaq: ("*causing ..distress")* lill-persuna.

Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "h*arassment")* gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala:-
"*Words, conduct or action (usu. <u>Repeated or persistent</u>) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",* dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "*in isolation*" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta'l-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez"** [21.6.07] :-
*".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."*

Pero', xorta wahda jkun irid jirrizulta mill-provi ghall-fini tal-parametri tal-akkuza nnifisha."

Illi apparti mid-dispozizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tghid li riferenzi ghall ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wiehed jaghti qata' jew idejjaq lill-persuna. *("alarming the person or causing the person distress"* fit-test Ingliz), il-ligi taghna ma taghti ebda definizzjoni ohra tat-terminu generiku fastidju jew "*harassment".* Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni specifika w dettaljata tar-reat in dizamina taghmilha possibbli ghall-gudikant li jqis bhala fastidju agir li jkun jiehu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-ohra johloq ukoll incertezzi fl-applikazzjoni tal-ligi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati w delikati. Kull tip ta' dan l-agir pero' hu kalkolat li johloq certa biza' f'dak li jkun b'mod li johloq sensazzjoni li qed tigi segwit u impoggi taht certa pressjoni ingusta. Hu proprju dan li din il-ligi l-gdida trid tipprojbixxi."

Illi mill-qari ta' l-akkuza jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat b'incident wiehed li sehh is-6 ta' Gunju, 2015. Illi ghalhekk il-Qorti ma tistax tqies il-fatti kif stabbiliti fil-kawza bhala a *"course of conduct"* (fit-test Ingliz) li skond gurisprudenza recenti ta' din il-Qorti trid tirrizulta biex jissussistu dawn ir-reati ta' fastidju w ikkagunar ta' biza' (ara f' dan is-sens l-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Raymond Parnis"** per V. De Gaetano C. J. [24.4.2009]). L-Proskezzjoni fl-akkuza qed tirreferi biss ghall-incident wiehed u izolat u

[7] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr Edwina Grima, [02.05.2013]

qed takkuza lill-imputat b'dak, ghalkemm l-akkuza donnha qed tirreferi ghar-reat bhala wiehed kontinwat."

Illi l-ligi ghalhekk titkellem dwar "imgieba", *a course of conduct,* u minn dina l-esposizzjoni legali jirrizulta illi dan ir-reat ma jisussistix jekk dan ikun xi incident izolat kif fil-fatt huwa il-kaz in ezami tenut kont li din l-imputazzjoni hi marbuta ma data specifika u cioe` dik tat-28 t'April, 2013. Ghaldaqstant l-imputat qed jigi liberat anke minn din l-imputazzjoni.

Ghaldaqstant abbazi tal-provi li hemm fl-atti il-Qorti ma tistax hlief tillbera lill-imputat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Magistrat**